



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

---

**2012/2255(INI)**

8.3.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

dwar id-drittijiet tan-nisa fil-pajjiżi Balkani f'fażi ta' adeżjoni  
(2012/2255(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Emine Bozkurt

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-bżonn li l-kwistjoni tad-drittijiet tan-nisa ssir punt ċentrali fin-negozjati ma' pajjiżi potenzjalment kandidati jew pajjiżi kandidati tal-Balkani tal-Punent, biex b'hekk jiġi żgurat li l-progress fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa jkun rifless fil-kapitoli tan-negozjati rilevanti kollha u li n-nisa jkunu rappreżentati b'mod ekwu fuq il-mejda tan-negozjati;
2. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja u tirrapporta dwar id-drittijiet tan-nisa u l-applikazzjoni tagħhom fid-dettall fir-rapporti dwar il-progress;
3. Jafferma mill-ġdid il-bżonn li d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza tal-ġeneru jiġu integrati fil-fażijiet kollha tal-proċess ta' tkabbir, inklużi fil-qafas futur tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni l-ġdid (IPA-II) għall-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020; jišhaq fuq il-fatt li l-impenji, l-istrutturi u l-metodi governattivi għall-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-ġeneru huma deċiżivi għall-progress b'suċċess lejn l-ugwaljanza tas-sessi;
4. Iqis li ugwaljanza ġenwina bejn is-sessi tistrieħ ukoll fuq l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentament sesswali jew l-identità sesswali; iħeġġeġ lill-gvernijiet tal-pajjiżi f'fażi ta' adeżjoni jindirizzaw l-omofobija u t-transfobija li għadhom jeżistu fil-liġi, il-politika u l-prattika, kif ukoll jilleġiżlaw fuq delitti ta' mibgħeda, taħriġ tal-pulizija u leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni;
5. Jenfasizza li, fil-proċess ta' bini ta' istituzzjonijiet demokratiċi li jiffunzjonaw tajjeb, l-iżguraw tal-parteċipazzjoni attiva tan-nisa – li jirrappreżentaw aktar min-nofs tal-popolazzjoni tal-pajjiżi Balkani – huwa kruċjali għall-governanza demokratika;
6. Jappoġġa bis-siħ l-attivitajiet diretti lejn l-emanċipazzjoni tan-nisa u t-tiħiħ tal-pożizzjoni tagħhom fis-soċjetajiet ikkonċernati;
7. Jenfasizza l-bżonn għan-nisa fil-Balkani tal-Punent li jassumu rwol prominenti fis-soċjetà permezz tal-parteċipazzjoni attiva u r-rappreżentazzjoni fil-ħajja politika, ekonomika u soċjali fil-livelli kollha; jirrimarka li l-appoġġ għall-politiki li jikkonċernaw opportunitajiet indaqs huwa importanti għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi Balkani f'fażi ta' adeżjoni; josserva li l-progress lejn il-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha ta' gvern (mil-lokali għan-nazzjonali, mill-eżekuttiv għas-setgħat leġiżlattivi) huwa ta' importanza kbira; jilqa' b'sodisfazzjon il-kwoti u jistieden lill-pajjiżi li għadhom ma għamlux dan biex jippromwovu r-rappreżentanza tan-nisa u, fejn ikun meħtieġ, japplikaw kwoti b'mod effikaċi għall-partiti politiċi u l-assemblej nazzjonali, u jħeġġeġ lill-pajjiżi li diġà għamlu dan biex ikomplu b'dan il-proċess sabiex ikun żgurat li n-nisa jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-ħajja politika u jegħlbu l-livell baxx ta' rappreżentazzjoni tagħhom; Jilqa, f'dan ir-rigward, is-samit internazzjonali għan-nisa riċenti dwar "Partnership for Change" (Sħubija għal Bidla) li sar f'Pristina

f'Ottubru 2012 taħt il-partronċinju tal-unika kap ta' stat mara fir-reġjun, Atifete Jahjaga;

8. Iqis li l-emanċipazzjoni tan-nisa – permezz tal-promozzjoni, il-protezzjoni u t-tisħiħ tad-drittijiet tagħhom, it-titjib tas-sitwazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom, iż-żieda tal-preżenza tagħhom fis-suq tax-xogħol, l-iżgurar ta' rappreżentazzjoni ekwa tagħhom fil-proċessi deċiżjonali politiċi u ekonomiċi u l-inkoraġġiment tal-intraprenditorija tagħhom – hija fattur ċentrali sabiex tissaħħaħ u tiġi konsolidata d-demokrazija fil-pajjiżi Balkani;
9. innorta bi tħassib li r-rati ta' impjeg ta' nisa fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent baqgħu baxxa ħafna u li n-nisa għadhom mhumiex rappreżentati biżżejjed fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-gvernijiet tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent jinkoraġġixxu l-parteciċipazzjoni attiva tan-nisa fis-suq tax-xogħol billi jippromwovu, fost affarijiet oħra, miżuri li jiżguraw kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol, pagi ugwali għal xogħol ugwali, it-tagħlim tul il-ħajja, skedi flessibbli ta' xogħol u bilanċ ġust bejn il-ħajja tal-familja u dik tax-xogħol, kif ukoll miżuri ħalli titnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u, konsegwentement, id-differenza bejn il-pensjoni tal-irġiel u n-nisa;
10. Jistieden lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent jiżviluppaw skemi attivi tas-suq tax-xogħol intiżi sabiex irażżnu l-qgħad fost in-nisa; ihegġihom jiżviluppaw skemi ta' self u jqiegħdu għad-dispożizzjoni finanzjament għal negozji ġodda;
11. Jenfasizza l-importanza li tingħeleb kull xorta ta' diskriminazzjoni fil-post tax-xogħol, inkluża d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, fir-rigward tar-reklutaġġ, il-promozzjoni u l-benefiċċji; jistieden lill-gvernijiet ikkonċernati jiġbru data statistika preċiża u rilevanti;
12. Jenfasizza li l-iffinanzjar mill-Fondi Ewropew, inkluż l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), għandu jkun aktar dirett lejn proġetti relatati mal-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa, inklużi l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi bid-diliġenza dovuta fir-rigward tal-effikaċja tal-infiq;
13. Jikkundanna kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa u jenfasizza l-bżonn li jissaħħu l-korpi responsabbli mill-infurzar tal-liġi sabiex jiġu indirizzati b'mod effikaċi kwistjonijiet bħall-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, il-vjolenza domestika, il-prostituzzjoni sforzata u t-traffikar tan-nisa.
14. Jikkundanna t-traffikar tal-bnedmin fil-Balkani, li huwa forma ta' skjavitu moderna, u sfortunatament, wieħed mir-reati transnazzjonali li dejjem qed jiżdied; iħeġġeġ lill-UE toffri appoġġ kontinwu għall-isforzi li qed isiru fil-qasam tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fid-dawl tal-fatt li l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent huma pajjiżi ta' orġini, tranżitu u destinazzjoni għat-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari nisa u bniet u jenfasizza l-bżonn li tiġi miġġielda b'mod attiv il-kriminalità organizzata bbażata fuq tali traffikar; jappella għall-kooperazzjoni mill-qrib fuq din il-kwistjoni bejn l-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE u l-gvernijiet; jappella għal aktar kampanji ta' sensibilizzazzjoni fir-reġjun;
15. Jinsab imħasseb dwar il-marġinalizzazzjoni, dejjem akbar, tan-nisa mill-proċess deċiżjonali fuq il-paċi u s-sigurtà; jenfasizza f'dan il-kuntest l-importanza tal-parteciċipazzjoni u r-rappreżentazzjoni tan-nisa fil-proċess tal-paċi u fil-politika u t-tisħiħ tal-liġijiet u l-mekkaniżmi intiżi sabiex tiġi garantita s-sigurtà tan-nisa u l-bniet għal dak li jikkonċerna l-protezzjoni u l-prevenzjoni ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru; jiddispjaċih

bin-nuqqas ta' data dwar vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u jenfasizza l-bżonn ta' ġabra konsistenti u sistematika ta' statistiċi mqassma skont il-ġeneru sabiex jiġi monitorjat il-progress fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni;

16. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi nisa ta' reati tal-gwerra, b'mod partikolari l-istupru; jenfasizza r-responsabbiltà tal-istati kollha biex itemmu l-impunità u jħarrku lil daww responsabbli għall-ġenoċidju, ir-reati kontra l-umanità u r-reati tal-gwerra, inklużi r-reati li jinvolvu l-vjolenza sesswali kontra nisa u l-bniet, bħall-istupru, l-iskjavitu sewwali, il-prostitutazzjoni sfurzata, it-tqala sfurzata, l-isterilizzazzjoni sfurzata u kull forma oħra ta' vjolenza sesswali ta' gravità simili, u biex jirrikonoxxu u jikkundannaw dawn ir-reati bħala reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra; jenfasizza l-bżonn li dwan ir-reati jiġu esklużi mid-dispożizzjonijiet relatati mal-amnestija;
17. Jenfasizza l-bżonn kontinwu li nittrattaw l-avvenimenti tal-passat u li niżguraw sistematikament il-ġustizzja u r-riabilitazzjoni għall-vittmi ta' vjolenza sesswali konnessa ma' kunflitti; jappella għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi statali adegwati għall-protezzjoni ta' xhieda u l-prosekuzzjoni ta' dawn ir-reati;
18. Iqis li n-nisa għandhom rwol essenzjali fl-istabbilizzazzjoni u r-risoluzzjoni ta' kunflitti li huwa kruċjali għar-rikonċiljazzjoni fir-reġjun sħiħ; jilqa' l-isforzi tan-netwerks bħal-lobby reġjonali tan-nisa insostenn tan-nisa fil-konsolidazzjoni tal-paċi u fil-promozzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja tan-nisa f'pajjiżi li ħarġu minn kunflitti;
19. Jinnorta bi tħassib li n-nisa Roma jsofru diskriminazzjoni doppja abbażi tas-sess u tal-etniċità; jistieden għalhekk lill-gvernijiet jadottaw oqfsa komprensivi kontra d-diskriminazzjoni li jippermettu lin-nisa Roma jiżguraw id-drittijiet tagħhom;
20. Jenfasizza l-importanza li titjieb is-sitwazzjoni tan-nisa f'żoni rurali, b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna d-drawwiet diskriminatorji u l-isterjotipi.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	4.3.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 29 -: 1 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Sir Robert Atkins, Arnaud Danjean, Mário David, Mark Demesmaeker, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Takis Hadjigeorgiou, Liisa Jaakonsaari, Tunne Kelam, Evgeni Kirilov, Andrey Kovatchev, Vytautas Landsbergis, Francisco José Millán Mon, María Muñiz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Ioan Mircea Paşcu, Hans-Gert Pöttering, Tokia Saïfi, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Nikolaos Salavrakos, Charles Tannock
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Charalampos Angourakis, Nikolaos Chountis, Anne Delvaux, Norbert Neuser, Nadezhda Neynsky, Helmut Scholz, Alf Svensson, Ivo Vajgl
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Danuta Jazłowiecka, Monika Panayotova